MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 318/2013

**Joseph Calleja (ID 744053M)**

**vs**

**Christian Roger Marlin ID 205700L**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li l-Attur qed jitlob li l-Konvenut jigi kundannat ihallsu elf, hames mija u hamsin Ewro (€1,550.00c) ghal kambjali ta’ €250.00c l-wahda li skadew bejn l-1 ta’ Dicembru 2011 u l-1 a’ Gunju 2012 liema kambjali ma thallsux hlief li thallsu €50 fuq l-ewwel kambjala li skadiet. Ghal dan il-konvenut ressaq RISPOSTA li tghid li l-t-talbiet huma nfondati u li l-Attur ghandu fl-ewwel lok jipprova l-interess guridiku tieghu u l-bazi tat-talbiet.

II PROVI

1. Hawn qed jingiebu biss partijiet mill-provi li izda qed jitqiesu flimkien ma dak kollu li hemm fil-process.

2. **Joseph Cachia**, Attur wera lill-Qorti 7 kambjali li kopja taghhom huma fil-process, markati Dok JC1 sa 7 (*a fol* 16 – 23). Spjega li f'wahda mill-kambjali ta' €250.00 l-wahda thallsu fuqha €200 u allura jonqos bilanc ta' €50.00. B'kollox €1,550.00c.

3. In kontro-ezami qal li ma jiftakarx kemm kien is-self originali izda jaf li kien hemm self qabel dak mertu tal-kawza. Zied hekk:-

   *Meta gie, biex jerga jissellef biex jixtri karozza ohra. Ma niftakarx ezattament kambjali jinkludu l-8% fuqhom u ergajt selliftu u ghamilthomlu kambjali. Il-kambjali jinkludu l-8%. Il-kambjali li hallas tajthomlu. Dawk li ma hallasx ma tajthomlux u huwa l-mertu ta' din il-kawza. Meta taghni parti minn wara ktibtielu fuq il-kambjala. L-ammont originali ma niftakrux. Gregory Fenech ma nafx min hu. Qed jigi ssugerit lili li jien hrigt cheque pagabbli lil Gregory Fenech ghal dan is-self u nghid li dan mhux minnu.*

4. **Christopher Roger Marlin**, Konvenut qal li ried jixtri L/Rover izda ma kellux flus f'idejh u dar ghas-self u xihadd introducieh mal-Attur. Akkwista l-vettura minghand Gregory Fenech u l-Attur fl-2011 hareg cekk ta' "about €1,500, around the equivalent of LM600". Esebixxa kambjali Dok MCR1-13 u hu hallas lura €250.00 fix-xahar, gieli inqas u tnizzlet nota.

5. In kontro-ezami qal li dak li esebixxa kien tal-L/Rover u mhux tal-Mercedes, kif suggerit lilu. Din akkwistaha qabel il-L/Rover. Hu gharaf il-firma tieghu fuq il-kambjali li esebixxa l-Attur.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. It-TRIBUNAL josserva li ma jafx kif il-Konvenut beda biex eccepixxa li l-Attur kellu juri l-interess guridiku tieghu fil-kawza meta l-Konvenut semma r-relazzjoni tieghu mal-Attur personalment fis-self mertu ta' din il-kawza. Fil-kambjali *a fol* 17 *et seq* hemm il-firma tal-Attur u dik tal-Konvenut (li gharafha). Hi eccezzjoni ghal kollox frivola li sservi biss biex ittellef il-hin lit-TRIBUNAL.

2. Il-kambjali esebiti mill-Konvenut juru dati antecedenti ghal dawk li l-Attur ghamel il-kawza fuqhom – hlief tnejn. Fuq dawn it-tnejn hemm notament ta' hlas parzjali bla ebda firma tal-Attur.

3. Il-kambjala hi titolu ta kreditu; dokument u prova fiha nnifisha u d-debitur li jhallasha soltu jitlobha f'idejh, jew jaraha tithassar jew jitlob prova mod'iehor tal-hlas li jinnewtralizza l-kambjala. Dawn il-proceduri fid-dinja tan-negozju, mahsuba biex jiffacilitaw in-negozju, wiehed ma jistax jilghab maghhom.

4. Meta jqis kollox u wara li sama s-sottomissjonijiet tad-difensuri it-TRIBUNAL ihossu konvint li t-TALBA Attrici ghandha tigi milqugha.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL jiddeciedi billi (1) **jichad** l-eccezzjonijiet tal-Konvenut (2) **jilqa** t-Talba Attrici u jghaddi biex (3) **jikkundanna** lill-Konvenut ihallas lill-Attur il-*quantum* ta’ elf, hames mija u hamsin Ewro (€1,550.00c) u dana bl-imghax kif mitlub fl-AVVIZ u (4) **jikkundanna** lill-konvenut ihallas l-ispejjes kollha tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------